MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Appell Civili - Ghawdex Numru. 2/2005/2

**Michael u Stella konjugi Gatt**

**vs**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Ottubru, 2007, il-Bord dwar Kontroll ta' Kiri ta' Raba' (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Ic-Chairman,
>
> Ra r-Rikors li permezz tiegħu r-rikorrenti, wara li ppremettew illi huma jikru lill-intimat porzjon raba msejħa 'Il-Mejda tal-Bajjad' fil-limiti ta' Żebbuġ, Għawdex tal-kejl ta' madwar tomna u nofs, pari għal ċirka elf sitt mija u disgħin metru kwadru

(1690 m.k.) versu l-qbiela ta' erba' liri maltin u ħamsin ċenteżmi (Lm4.50c) pagabbli fil-15 ta' Awissu ta' kull sena ;

Illi l-esponenti għandhom bżonn dan ir-raba sabiex jiġi wżat għal skopijiet agrikoli minnhom u minn binhom William Gatt ;

Illi inoltre l-intimat mhux qiegħed juża din ir-raba għal skopijiet agrikoli anzi l-istess raba huwa fil-maġġor parti abbandunat, u l-intimat l-aktar li jużah huwa sabiex jagħmel xi barbeque xi kultant fih ;

Illi inoltre l-intimat riċentement beda iwettaq xogħlijiet ta' kostruzzjoni llegali u mingħajr permessi mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u għalhekk jiġi illi qiegħed juża r-raba għal skopijiet illegali kif ukoll jarreka ħsara u preġudizzju lill-istess raba u lill-esponenti .

Talbu li dan il-Bord jogħgbu jawtorizzahom jirriprendu lura l-pussess tar-raba hawn fuq imsemmi wara l-iskadenza tal-15 ta' Awissu, 2006 taħt dawk il-provedimenti illi dan il-Borg jidhirlu xierqa, prevja illi okkorrendo jiġi likwidat il-kumpens talvolta dovut lill-intimat skond il-liġi .

Ra r-Risposta ta' l-intimat fis-sens illi :

1. Illi mhuwiex minnu li r-rikorrent jeħtieġ ir-raba għall-bżonnijiet tiegħu jew ta' ibnu William Gatt, u għandu f'idejh raba li ma jaħdmux u raba ieħor li ma jintużax għal skopijiet agrikoli minkejja li huwa tajjeb għal dan l-iskop ;

2. Illi r-raba oġġett tar-rikors jinsab ikkultivat u l-użu huwa wieħed agrikolu, u jinħadem regolarment ;

3. Illi l-esponenti ma wettaq ebda xogħol illegali f'dan ir-raba u bix-xogħlijiet li wettaq bħal

bini ta' hitan u store agrikolu, il-kundizzjoni tar-raba ġie ameljorat ferm aktar minn meta l-istess raba kien għadu fil-pussess tar-rikorrent ;

4. Illi l-hardship li jbati l-esponenti kieku jkollu jittehidlu l-pussess ta' dan ir-raba mir-rikorrent ikun ferm akbar minn tal-istess rikorrent kieku t-talba tiegħu jkollha tiġi milqugħa . Barra minn hekk dan ir-raba huwa sors importanti għall-esponenti u ghal membri tal-familja tiegħu .

Ra l-atti l-oħra kollha tal-każ, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ra n-nota ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tar-rikorrenti .

Ikkunsidra :

Illi permezz ta’ dan ir-Rikors ir-rikorrenti qed jitolbu t-terminazzjoni tal-kirja tar-raba indikata fl-istess Rikors u r-ripreża tagħha għal żewġ raġunijiet u ċioe' illi :

(i) *Huma għandhom bżonn dan ir-raba għal skopijiet agrikoli minn membri tal-familja tagħhom ; u*

(ii) *l-intimat mhux qiegħed juża din ir-raba għal skopijiet agrikoli .*

It-tielet raġuni msemmija fir-Rikors, ġiet irtirata kif jirriżulta min-nota ta' l-Osservazzjonijiet tar-rikorrenti[1] .

**Bżonn tar-rikorrenti :**

Huwa magħruf illi sabiex wieħed jirnexxi f’talba simili għar-ripreża ta’ art agrikola biex tinħadem

[1] A fol. 126 tal-process .

mir-rikorrenti jew xi membru tal-familja tiegħu, jenħtieġ li jiġu sodisfatti tliet rekwiżiti, u ċioe' illi :

(i) is-sid irid jipprova l-bżonn tiegħu ;

(ii) jekk jiġi pruvat dan il-bżonn, il-Bord jara jekk id-dħul mir-raba jikkostitwix fonti mportanti għall-għixien ta' l-inkwilin, u

(iii) f'każ affermattiv il-Bord irid imbagħad jiżen il-*hardship* rispettiv tal-partijiet u jara min minnhom jista' jbati l-iktar jekk it-talba tiġi aċċettata nkella rifjutata .

Fil-każ in eżami r-rikorrenti jgħidu li jridu jieħdu lura l-art in kwistjoni sabiex jaħdimha binhom William Gatt . Dwar il-grad ta' bżonn meħtieġ fir-rikorrent ġie stabilit illi :

"*Il-kelma* ***requires*** *fil-kontest li hija użata fl-art. 4(2) (b) insibuha ukoll użata fil-liġi tal-Kera, u fil-fehma tal-Bord għandha jkollha l-istess sinjifikat u interpretazzjoni li ġie mogħti lil dik il-kelma f'dik il-liġi . Infatti huwa ċar li l-kelma* ***requires*** *bħal* ***meħtieġ*** *fit-test malti, tindika bżonn, mhux sempliċi xewqa jew preferenza . Għalhekk hu applikabbli dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell f'* ***A. Saliba v. M. Caruana*** *illi : 'Il-piż tal-prova ta' dan il-bżonn hu fuq is-sid li jeħtieġ juri mhux biss li hu qed jaġixxi in buona fede, imma anche li hu għandu bżonn li jirriprendi pussess tal-fond . Ċertament mhux meħtieġ li tiġi pruvata neċessita' assoluta, iżda … jeħtieġ jiġi pruvat grad raġonevoli ta' bżonn' … .*" [2]

Ġie mfisser ukoll illi :

"*Indubbjament il-bżonn ekonomiku, u ċioe' il-ħtieġa li s-sid jirriprendi l-pussess tal-fond biex*

---

[2] Bord, Malta : E. Fenech v. M. Mercieca : 26.1.68 ; ara wkoll : Bord, Għawdex : F. Xuereb v. L. Muscat u L. Galea v G. Muscat .

*jaħdmu hu u jżid l-introjtu tiegħu u tal-familja hu forsi l-iktar wieħed ovvju u ndiskutibbli . Mhux eskluż pero' li jista' jkun hemm bżonnijiet oħrajn inqas apparenti, imma daqstant ieħor validi, biex jawtoriżżaw ir-ripreża tal-fond mis-sid li jeħtieġlu jipprova li t-talba tiegħu ma kenitx kappriċċjuża imma kienet immirata biex tissodisfa xi bżonn tiegħu jew tal-familja tiegħu*." [3]

Jirriżulta mill-provi prodotti illi r-rikorrenti jixtiequ jirriprendu r-raba in kwistjoni, konsistenti f'biċċa raba li tkejjel 1690 metri kwadri, sabiex jaħdimha l-imsemmi binhom . Huwa sinjifikanti l-prinċipju ribadit kemm-il darba minn dan il-Bord f'każijiet simili illi : "*the best conditions of husbandry are created when the holder of the land fills the role of both owner and cultivator*."[4] Żgur għalhekk illi bħala sid, ir-rikorrent ikun jista' jisfrutta mill-aħjar li jista' r-raba ***de quo*** fl-interess tiegħu . William Gatt preżentement jaħdem *full-time* bħala mastrudaxxa mal-partikolar . Jaqla' l-*minimum wage* ta' ftit inqas minn sittin lira maltija fil-ġimgħa[5], u m'għandu l-ebda introjtu ieħor . Huwa miżżewweġ u għandu tifla żgħira . Bħala proprjeta' jipposjedi biss id-dar residenzjali . Preżentement ma jaħdimx raba', imma missieru wegħdu r-raba in kwistjoni, f'każ ta' eżitu pożittiv ta' din il-kawża . Dan għaliex, magħdud mas-sitt itmiem raba li r-rikorrent jikkoltiva, jkun imbagħad f'pożizzjoni li jkollu mnejn iqassam biċċa raba lil kull wieħed mit-tliet uliedu[6] . B'din ir-raba f'idejh huwa jkun jista' jżid l-introjtu tiegħu .

Jirriżulta għalhekk illi l-grad ta' bżonn tar-rikorrenti ġie adegwatament sodisfatt .

---

[3] Appell : Anthony Abela et vs Francis Degabriele : 9.7.1999 .
[4] vide Abensour and Moral – Lopez : Principles of Land Tenency Legislation : FAO, Rome 1966 .
[5] ara formula tal-FS3 tiegħu a fol . 32 .
[6] ara depożizzjoni tar-rikorrent u l-istess William Gatt .

Billi r-rekwiżit tal-bżonn da parti tar-rikorrent ġie ppruvat, il-pass li jmiss huwa li jiġi eżaminat kemm ir-raba in kwistjoni jista' jitqies bħala **fonti mportanti tal-għixien ta' l-intimat** . F'dan ir-rigward, il-Bord ma jridx jissodisfa ruħu biss jekk ir-raba *de quo* tikkostitwix il-fonti prinċipali għall-għixien ta' l-intimat, imma biżżejjed jekk tikkostitwixxi **fonti importanti** tal-għixien tiegħu u tal-membri tal-familja tiegħu . L-intimat ma semmiex x'inhu l-mestier tiegħu u lanqas x'inhu d-dħul globali tiegħu . Irrileva biss li preżentement, apparti r-raba in kwistjoni, huwa jikkoltiva xi raba ieħor minn tal-familja, u li mir-raba *de quo* huwa jdaħħal bejn ħamsa u seba' mitt lira (Lm500 - Lm700) fis-sena, imma mingħajr ma spjega jekk dawn humiex gross, inkella wara li jinqatgħu l-ispejjeż . Irriżulta wkoll illi l-intimat huwa miżżewweġ u għandu tliet itfal, wieħed miżżewweġ u jgħix għar-rasu, u l-oħrajn għadhom ġuvintur u jgħixu miegħu . Ma ġiex speċifikat pero' jekk dawn għandhomx impieg tagħhom, jew jiddependux minn missierhom għall-għixien tagħhom . Imma minn din il-ftit informazzjoni żgur li ma jistax jiġi kkonstatat kemm u sa fejn l-intimat jiddependi minn din ir-raba u jekk l-istess raba tikkostitwix tassew fonti importanti ta' l-għixien tiegħu u tal-familja tiegħu .

Billi għalhekk l-intimat ma rnexxielux jissupera l-ewwel prova meħtieġa mingħandu sabiex it-talba għar-ripreża ta' din ir-raba ma tkunx tista' tirnexxi, mhux meħtieġ li jiġi nvestigat ukoll il-*hardship* rispettiv tal-partijiet, u wisq inqas ir-raġuni l-oħra għar-ripreża msemmija fir-Rikors .

Għal dawn il-motivi, jiddeċidi għalhekk ir-Rikors billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti għat-terminazzjoni tal-kirja tar-raba ndikata fir-rikors u r-ripreża tagħha mingħand l-intimat . It-terminazzjoni tal-qbiela u r-ripreża tar-raba in kwistjoni għandha sseħħ b'effett mill-iskadenza li jmiss u ċioe' mhux qabel il-15 ta' Awissu 2008 . Għall-fini tal-

> kumpens dovut lill-intimat għall-benefikati talvolta magħmula minnu fir-raba in kwistjoni fit-tmien snin konsekuttivi ta' qabel id-data tat-terminazzjoni, qed jiġu nominati l-A.I.C. Renato Laferla u s-sur Anthony Borg, li għandhom jirrelataw fi żmien xahrejn mil-lum. Iż-żmien stipulat bl-artikolu 4(6) tal-kap. 199 għall-ħlas ta' dan il-kumpens, għandu jibda jgħaddi mid-data li fiha l-esperti tekniċi jkunu ħalfu r-rapport tagħhom, li għandu jitqies bħala parti ntegrali minn din id-deċiżjoni .
>
> L-ispejjeż ta' dan ir-Rikors ikunu a karigu ta' l-intimat, ħlief għal dawk ta' l-esperti tekniċi, li jridu jiġu ssoportati mir-rikorrenti stess.**”**

L-impunjattiva ta’ l-intimat fl-appell tieghu minn din is-sentenza hi cirkoskritta ghall-ilment illi l-Bord dwar il-Kontroll ta’ Kiri ta’ Raba’ ghamel apprezzament skorrett tal-provi relattivi ghall-element tal-bzonn. B’mod generali, hi l-kontenzjoni tieghu illi t-talba ghar-ripresa tar-raba’ mhix wahda mqanqla minn bzonn genwin izda, sempliciment, kapriccjuza u motivata minn animu ta’ pika u tpattija;

Hu sew konoxxut u stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi fejn l-aggravju jkun jaggira fuq censura tal-valutazzjoni tal-provi, Qorti ta’ revizjoni ma tindahalx hlief f’kazijiet eccezzjonali u ghal motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta’ l-ewwel tribunal. Ara fost ohrajn “**Manche *nomine* -vs- Montebello**”, Appell Civili, 13 ta’ Frar, 1953 u “**Frans Galea -vs- Alfred Brincat**”, Appell, 25 ta’ Frar, 2000. L-istess gurisprudenza, mill-banda l-ohra, tiprofessa wkoll illi, fejn il-kaz kien hekk jirrikjedi, din il-Qorti kienet fid-dover li tissindika dik l-istess diskrezzjoni valutativa u anke tasal ghal konkluzjoni diversa minn dik li jkun wasal ghaliha l-ewwel tribunal. “Jigifieri meta fil-fehma taghha, wara li tkun ikkonsidrat l-atti kollha processwali, jitnissel fiha l-konvinciment morali illi l-provi prodotti ma kienux u ma setghux iwasslu ghall-konkluzjoni li ghaliha jkun wasal l-ewwel tribunal, din il-Qorti ta’

revizjoni kienet obbligata illi tiddelibera s-sentenza taghha fuq dik il-bazi ta' fatt kif fil-fehma taghha tkun tirrizulta provata, anke jekk dan ifisser li jkollha fil-process tiskarta dawk il-fatti li s-sentenza appellata tkun additat bhala provanti l-premessi tat-talba attirici" ("**Emily Stivala *et* -vs- George Pace**", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru, 2000);

Fil-kaz prezenti t-talba tar-rikorrenti ghat-tehid lura tar-raba' tinsab artikolata bl-ewwel kawzali fuq il-premessa illi huma ghandhom bzonn dan ir-raba' sabiex jigi wzat minnhom u minn binhom William Gatt ghal skopijiet agrikoli. Kawzali bhal din tirrientra fil-qafas ta' l-Artikolu 4 (2) (a) tal-Kapitolu 199 fejn ir-rikorrenti kellhom juru ghas-sodisfazzjon tal-Bord illi huma, jew il-membru tal-familja prexxelt, kienu jehtiegu dan ir-raba' biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli. Il-piz ta' din il-prova kienet tinkombi fuqhom. Huma kellhom jiddemostraw mhux biss, u sempliciment, dan il-bzonn taghhom izda, fundamentalment, li huma kienu qeghdin jagixxu ghas-sostenn ta' dan il-bzonn taghhom in "bwona fede". Dan fis-sens illi "l-bzonn ghalkemm mhux assolut irid ikun reali u genwin" ("**Dottor Carmel Attard -vs- Victor Farrugia**", Appell, 12 ta' Mejju, 1972);

L-appena accennata prospettiva hi suffragata mill-konsiderandi ta' dik li hi l-*locus classicus* f'materja ta' bzonn, ossija s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Mejju, 1962 in re: "**Anthony Saliba -vs- Mary Caruana**". Indubitament, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-bwona fede, oggettivament konsiderata, tenukleja l-kriterju ta' valutazzjoni ta' mgieba determinata u, aktar minn hekk, isservi ta' strument ta' kontroll tar-ragonevolezza, o meno, tal-pretensjoni. F'sens wiesgha, kif anke dimostrat minn certi disposizzjonijiet fil-Kodici Civili taghna (ara, ad ezempju, Artikolu 993), ir-rilevanza taghha hi dik tas-solidarjeta` socjali li timponi fuq kull parti f'rapport kontrattwali d-dmir li jagixxi b'mod li jippreserva l-interessi tal-kontraenti l-iehor. Dan it-test hu partikolarment baziku u fundamentali f'kontroversji tax-xorta hawn ikkontemplata;

A propozitu din il-Qorti, kif presjeduta, kellha okkazjoni tallarga l-kuncett prezenti kif muri f'din is-silta:-

> "Il-'bwona fede' ma ghandhiex biss valur merament teoriku. Din, anzi, ghandha, f' sens oggettiv, tkun intiza bhala regola komportamentali ta' ragonevolezza u, fuq kollox, ta' lealta u ta' korrettezza. B'mod generali tikkostitwixxi principju etiku-guridiku fl-ezercizzju tad-drittijiet. Hekk kif ezemplarment espress fl-Artikolu 2 tal-Kodici Civili Svizzeru, "kull wiehed fl-ezercizzju tad-drittijiet proprji u fl-adempiment ta' l-obbligazzjonijiet tieghu ghandu jgib ruhu bil-bwona fede". Espress f'dawn it-termini l-principju tal-bwona fede jimponi limitu fl-ezercizzju tad-drittijiet. Dan kemm ghaliex ghall-pretendent tad-dritt f'rapport ma' haddiehor il-bwona fede tirraprezenta l-metru ta' mgieba, kif ukoll hi kejl siewi ta' valutazzjoni mill-gudikant." ("**Carmelo Bonello et -vs- Concetta Farrugia**", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 28 ta' Frar, 2007);

Issa l-Bord f'dan il-kaz irraguna fuq l-fattur bzonn b'dan il-mod:-

(1) Fuq l-istregwa ta' l-espressjoni ta' fehma ta' l-awturi minnu citati, iddetermina li r-rikorrenti *qua* sid ikun jista' jisfrutta ahjar u fl-interess tieghu r-raba' *de quo*;

(2) Fil-kaz ta' William Gatt il-missier weghdu r-raba' in kwestjoni f'kaz ta' ezitu posittiv;

(3) Jekk allura r-raba' jigi f'idejh huwa jkun jista' jzid l-introjtu tieghu;

Bir-rispett kollu dovut, din il-Qorti mhix tant konvinta la mill-individwazzjoni tal-fonti esklussiva tal-provi maghmula

mill-Bord u lanqas ghal dawk li huma l-argomentazzjonijiet minnu dedotti. Mill-evalwazzjoni taghha ta' l-istess provi istruttorji, konsiderati fil-kumpless organiku taghhom, din il-Qorti ma tistax tghid li giet radikata fiha l-istess opinjoni valutativa tal-Bord. Huwa veru li l-ewwel tribunal hu munit bid-diskrezzjoni li jaghzel sors ta' provi minn ohrajn ghall-konvinciment tieghu, izda fil-kontroll li okkorrilha taghmel din il-Qorti ta' dik l-istess diskrezzjoni, ma tarax li kien sewwa illi tinghata prevalenza lill-provi maghzula meta fl-assjem taghhom il-provi l-ohra, analitikament valutati, iwasslu ghal konvinciment oppost;

*In primis*, biex tinghata twegiba ghall-ewwel motiv tal-Bord, il-provi juru illi r-rikorrenti ma humiex is-sidien tar-raba' in kwantu dan hu mqabbel lilhom mill-Joint Office, u allura dik l-espressjoni ta' fehma ta' l-awturi, ghalkemm logikament wisq valida, fil-kaz ta' sidien ta' raba' ghall-isfruttament aktar produttiv u redditzju tieghu, ma ggorr ebda piz determinanti, ghaf-favur tar-rikorrenti, ta' xi preferenza fuq l-intimat-affittwarju;

Fit-tieni lok, il-weghda li jinghad li saret mir-rikorrenti lil ibnu ma tantx thalli fil-Qorti sapur ta' genwinita` meta din tigi evalwata fl-*iter* shih tad-deposizzjoni ta' William Gatt (fol. 20 *et sequitur*). In kontro-ezami dan jitlaq mill-punt illi l-qasma tar-raba' intenzjonata li ssir minn missieru, kellha ssehh meta dan jiehu lura r-raba' mertu tal-kawza. Huwa ghadda, imbaghad, ghall-assunt illi la tela' jixhed hu ghandu dritt minghand missieru ghal dan l-istess raba' b'rikompens ghax ghamillu pjacir li tela' jixhed (fol. 27). Finalment, in ri-ezami, jiddikjara li kien gja lahaq ftehim dwar dan ma' missieru (fol. 28). Apparti dan, irid jizdied, fil-hsieb tal-Qorti, illi d-dikjarazzjoni wahidha tal-weghda ma tikkreja ebda presunzjoni idoneja ta' xi element ta' gudizzju sufficjenti jekk mill-konfront kritiku ma' provi ohra akkwiziti ma jkunx jista' jigi estratt element konkret ta' konvinciment. Dan, ghallanqas ghal din il-Qorti, hu hekk il-kaz hawnhekk;

Fit-tielet lok, ma jistax ma jigix osservat illi minnimkien mill-provi ma jinghad mir-rikorrenti jew mill-imsemmi William Gatt x'inhuma l-pjani taghhom ta' dik l-attivita agrikola u fruttifera li behsiebhom jikkonducu jew jirrikavaw mir-raba' ghat-tkattir ta' l-introjtu. Prova bhal din ma kienetx wahda sempliciment marginali konsidrata l-impronta u l-enfasi innegabbli li l-vot stess tal-ligi jaghmel bil-kliem "ghal skopijiet agrikoli";

L-appellanti jissottometti illi l-procedura istitwita fil-konfront tieghu hi istigata minn pika. Bla dubju, kif jigri f'certi kazijiet, partikolarment fejn ikun ko-involti membri familjari, l-element tal-pika, kif hekk tghallem, sfortunatament, l-esperjenza, jkollu ftit jew wisq il-piz tieghu. Fil-kaz prezenti, anke jekk jezistu indikazzjonijiet probatorji sfuggevoli, din il-Qorti mhix ghal kollox konvinta mill-allegazzjoni maghmula mill-appellanti. Minn naha l-ohra, pero`, ghandha raguni fondata, mill-kunsiderazzjonijiet aktar 'il fuq maghmula, illi t-talba proposta ghat-tehid lura tar-raba' in kwantu bazata fuq il-bzonn hi nieqsa mill-bona fede u c-cirkustanzi tal-kaz ma jissodawx il-konvinciment tal-Qorti favur it-tezi tar-rikorrenti. Ghaldaqstant meta jkun jidher mill-kuntest illi r-rikorrenti ma lahqux il-prova certa tal-grad ragonevoli tal-bzonn, biex wiehed jissellef mis-sentenza "**Chev. Capt. Ronald Smith -vs- Wanda armla Terreni**", Appell, 20 ta' Mejju, 1963, "l-inkwilin ma ghandux jigi disturbat fid-dgawdija tal-fond mikri lilu ghax kwalunkwe zgumbrament igib *hardship* lill-izgumbrat u jrid ikun gustifikat";

Raggunta din il-konkluzjoni, is-sentenza appellata ma tistax tigi konfermata u jkollha titwarrab. Wisq logikament, l-atti jkollhom jintbaghtu lura lill-Bord ghal kunsiderazzjoni u decizjoni minn dan tal-kawzalijiet l-ohra sottomessi mir-rikorrenti u li dwarhom ma ttiehdet ebda decizjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' u, konsegwentement, tirrevoka d-decizjoni tal-Bord fejn dan laqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-pussess lura tar-raba' fuq

il-kawzali tal-bzonn, bl-ispejjez kontra l-appellati. L-atti qed jigu rinvijati lill-Bord biex dan jikkunsidra u jiddeciedi l-kawzalijiet l-ohra avvanzati mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------